32004R0819

L 153/90 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 30.4.2004

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 819/2004 tad-29 ta' April 2004 li jiftaħ bejgħ pubbliku ta' alkoħol ta' l-inbid għall-użu bħala bioethanol fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tiegħu.

Billi:

(1) R-regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1623/2000 tal-25 ta' Lulju 2000 jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid fir-rigward tal-mekkaniżmi tas-suq ([2]), jippreskrivi, fost ħwejjeġ oħra, regoli dettaljati għad-disponiment ta' ħażniet ta' alkoħol miksuba minn distillazzjoni skond l-Artikoli 27, 28 u 30 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 u miżmuma mill-aġenziji ta' intervent.

(2) Il-bejgħ pubbliku ta' alkoħol ta' l-inbid għal użu fis-settur tal-karburanti fil-Komunità għandu jkun organizzat skond l-Artikoli 92 u 93 tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000 bil-ħsieb li jitnaqqsu l-ħażniet tal-Komunità ta' alkoħol ta' l-inbid u sa ċertu limitu jiġu assigurati provvisti lil ditti approvati skond l-Artikolu 92 tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000. L-alkoħol ta' l-inbid ta' oriġini mill-Komunità maħżun fl-Istati Membri jikkonsisti fi kwantitajiet prodotti minn distillazzjoni skond l-Artikoli 35, 36 u 39 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 822/87 tas-16 ta' Marzu 1987dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid ([3]), u skond l-Artikoli 27, 28 u 30 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999.

(3) Mill-1 ta' Jannar 1999, skond ir-regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi arranġamenti agrimonetarji għall-euro ([4]), il-prezz tal-bejgħ u l-garanziji għandhom jissemmew, u l-ħlas għandu jsir, f'euro.

(4) Minħabba li hemm riskji ta' frodi permezz ta' sostituzzjoni ta' alkoħol, il-verifiki fuq id-destinazzjoni finali ta' l-alkoħol għandhom ikunu msaħħa u l-aġenziji ta' intervent għandhom ikunu jistgħu jitolbu l-għajnuna ta' aġenziji internazzjonali ta' kontroll u li jivverifikaw l-alkoħol mibjugħ permezz ta' analiżi nukleai, manjetiku ta' reżonanza.

(5) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhon f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Inbid,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Ħames lottijiet ta' alkoħol (referenzi 30/2004 KE, 31/2004 KE, 32/2004 KE, 33/2004 KE u 34/2004 KE) li jikkomprendu 220000 ettolitri, 80000 ettolitri, 100000 ettolitri, 30000 ettolitri u 40000 ettolitri rispettivament f'100 % skond il-volum huma b'dan offruti għall-bejgħ pubbliku għall-użu fis-settur tal-karburanti ġewwa l-Komunità.

2. L-alkoħol konċernat kien prodott minn distillazzjoni skond l-Artikoli 27 u 30 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 u huwa miżmum mill-aġenziji ta' intervent Franċiżi, Spanjoli u Taljani.

3. Il-lok u r-referenzi tal-btieti li jiffurmaw il-lottijiet, il-kwantità ta' alkoħol f'kull bettija, is-saħħa alkoħolika u l-karatteristiċi ta'l-alkoħol huma preskritti fl-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 179, ta' l-14.7.1999, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1795/2003 (ĠU L 262, ta' l-14.10.2003, p. 13).
([2]) ĠU L 194, tal-31.7.2000, p. 45. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1710/2003 (ĠU L 243, tas-27.9.2003, p. 98).
([3]) ĠU L 84, tas-27.3.1987, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1677/1999 (ĠU L 199, tat-30.7.1999, p. 8).
([4]) ĠU L 349, ta' l-24.12.1998, p. 1.

4. Il-lottijiet għandhom jingħataw lil ditti approvati skond l-Artikolu 92 tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000.

*Artikolu 2*

Il-komunikazzjonijiet kollha li jikkonċernaw dan il-bejgħ pubbliku għandhom jintbagħtu lid-dipartiment tal-Kummissjoni li ġej:

Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej
Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura, Unit D.4
Rue de la Loi/Wetstraat 200
B-1049 Brussels
Fax (32-2) 295 92 52
Posta elettronika: agri-d4@cec.eu.int

*Artikolu 3*

Il-bejgħ pubbliku għandu jseħħ skond l-Artikoli 92, 93, 94, 95, 96, 98, 100 u 101 tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000 u l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2799/98.

*Artikolu 4*

Il-prezz ta' l-alkoħol għall-bejgħ pubbliku għandu jkun ta' Euro 19 kull ettolitru ta' alkoħol f'100 % skond il-volum.

*Artikolu 5*

L-alkoħol għandu jitneħħa mhux aktar tard minn tmien xhur wara d-data tan-notifikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħti l-bejgħ.

*Artikolu 6*

Il-garanzija ta' twettieq għandha tkun ta' Euro 30 kull ettolitru ta' alkoħol f'100 % skond il-volum. Sakemm ma tkunx provduta garanzija permanenti, qabel ma jitneħħa xi alkoħol u l-aktar tard sal-jum tal-ħruġ ta' l-ordni ta' tneħħija, id-ditti li jingħataw il-lottijiet għandhom jiddepożitaw garanzija ta' twettieq ma' l-aġenzija ta' intervent konċernata biex jiġi żgurat li l-alkoħol in kwistjoni jintuża bħala bioethanol fis-settur tal-karburanti.

*Artikolu 7*

Malli jsir ħlas ta' Euro 10 kulllitru u fi żmien 30 jum mill-publikazzjoni ta' l-avviż tal-bejgħ pubbliku, id-ditti approvati skond l-Artikolu 92 tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000 jistgħu jiksbu kampjuni ta' l-akolħol offrut għall-bejgħ mill-aġenzija ta' intervent konċernata. Wara din id-data, il-kampjuni jistgħu jinkisbu skond l-Artikolu 98(2) u (3) tar-regolament (KE) Nru 1623/2000. Kampjuni maħruġa lil ditti approvati għandhom jammontaw għal mhux aktar minn ħames litri kull bettija.

*Artikolu 8*

L-aġenziji ta' intervent fl-Istati Membri li fihom ikun maħżun l-alkoħol offrut għall-bejgħ għandhom iwettqu l-verifiki xierqa biex jivverifikaw in-natura ta' l-alkoħol fil-waqt ta' l-użu finali. Għal dan il-għan, huma jistgħu:

(a) japplikaw l-Artikolu 102 tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000, *mutatis mutandis*;

(b) iwettqu verifiki fuq kampjuni li jużaw analiżi nukleari manjetiku ta' reżonanza biex jivverifikaw in-natura ta' l-alkoħol fil-waqt tal-użu finali.

L-ispejjeż għandhom ikunu a karigu tad-ditti li lilhom jinbiegħ l-alkoħol.

*Artikolu 9*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' April 2004.

*Għall-Kummissjoni*
Franz FISCHLER
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**BEJGĦ PUBBLIKU TA'ALKOĦOL TA' L-INBID GħAL UŻU BĦALA BIOETHANOL FIL-KOMUNIT**

**à Nri 30/2004 KE, 31/2004 KE, 32/2004 KE, 33/2004 KE u 34/2004 KE**

I. Lok tal-ħażna, kwanteristiċi ta' l-alkoħol offrut għall-bejgħ

| Stat Membru u numru tal-lott | Post | Numru tal-VAT | Kwantità (ettolitri ta' alkoħol f'volum ta 100 %) | Referenza għar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 Artikoli | Tip ta' alkoħol | Ditti approvati skond l-Artikolu 92 tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Spanja<br><br>Lott<br>Nru 30/2004<br>KE | TARANCON | A-9<br>B-9<br>A-2<br>A-3<br>A-6<br>B-1<br>B-2<br>B-3<br>B-4<br>B-5 | 24 201<br>24 464<br>22 231<br>24 399<br>24 550<br>24 692<br>24 710<br>24 716<br>24 861<br>1 176 | 27<br>27<br>27<br>27<br>27<br>27<br>27<br>27<br>27<br>27 | Mhux ipproċessat<br>Mhux ipproċessat<br>Mhux ipproċessat<br>Mhux ipproċessat<br>Mhux ipproċessat<br>Mhux ipproċessat<br>Mhux ipproċessat<br>Mhux ipproċessat<br>Mhux ipproċessat<br>Mhux ipproċessat | Bioetanol Galicia SA |
| | **Total** | | **220 000** | | | |
| Spanja<br><br>Lott<br>Nru 31/2004<br>KE | TARANCON<br>TOMELLOSO | A-1<br>A-2<br>A-5 | 24 191<br>2 297<br>53 512 | 27<br>27<br>27 | Mhux ipproċessat<br>Mhux ipproċessat<br>Mhux ipproċessat | Ecocarburantes españoles SA |
| | **Total** | | **80 000** | | | |
| FRANZA<br><br>Lott<br>Nru<br>32/2004 | ONIVINS-Port la Nouvelle<br>Av. Adolphe Turrel<br>BP 62<br>11210 Port la Nouvelle | 8<br>4<br>3 | 3 765<br>47 890<br>48 345 | 27<br>27<br>27 | Mhux ipproċessat<br>Mhux ipproċessat<br>Mhux ipproċessat | Ecocarburantes españoles SA |
| | **Total** | | **100 000** | | | |
| FRANZA<br><br>Lott<br>Nru 33/2004<br>KE | DEULEP<br>BLD CHANZY<br>30800 Saint Gilles du Gard | 501<br>502<br>604<br>503 | 8 830<br>8 750<br>3 460<br>8 960 | 30<br>30<br>27<br>27 | Mhux ipproċessat<br>Mhux ipproċessat<br>Mhux ipproċessat<br>Mhux ipproċessat | Sekab (Svensk Etanolkemi AB) |
| | **Total** | | **30 000** | | | |
| L-ITALJA<br><br>Lott<br>Nru 34/2004<br>KE | CAVIRO (Faenza)<br>VILLAPANA (Faenza) | | 29 153,12<br>10 846,88 | 27<br>27 | Mhux ipproċessat<br>Mhux ipproċessat | Altia Corporation |
| | **Total** | | **40 000** | | | |

II. L-indirizz ta' l-aġenzija ta' intervent Franċiża huwa:

Onivins-Libourne
Délégation nationale
17 avenue de la Ballastière
boîte postale 231
F-33505 Libourne Cedex
Tel. (33-5) 57 55 20 00
Telex 57 20 25
Fax (33-5) 57 55 20 59

III. L-indirizz ta' l-aġenzija ta' intervent Spanjola huwa:

FEGA
Beneficencia 8
E-28004 Madrid
Tel. (34) 913 47 65 00
Telex 23427 FEGA
Fax (34) 915 21 98 32

IV. L-indirizz ta' l-aġenzija ta' intervent Taljana huwa:

AGEA,
via Palestro 81
I-00185 Roma
Tel. (39) 06 49 49 991
Telex 62 00 64/62 06 17/62 03 31
Fax (39) 06 445 39 40/445 46 93